



Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

2015/0000(BUD)

7.9.2015

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar l-abbozz tal-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena
finanzjarja 2016
(2015/0000(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Jean-Paul Denanot

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jiddispijaci għall-fatt li, minħabba l-limiti massimi imposti mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020 għall-Intestatura 2, hemm possibilità li fil-prattika l-kategoriji ewlenin ta' nfiq tal-Politika Agrikola Komuni (KAP), inklużi l-pagamenti diretti u l-miżuri tas-suq, ikollhom tnaqqis fl-2016, minkejja li l-impenji u l-pagamenti globali għolew bi 2,4 % u b'1,6 % rispettivament;
2. Jieħu nota f'dan ir-rigward li skont l-Abbozz ta' Baġit 2016 għall-Intestatura 2, hemm proposti EUR 63,1 biljun f'impenji (tnaqqis ta' 0,1 % meta mqabbel mal-2015, mingħajr ma jitqies l-impatt tar-riprogrammar) u EUR 55,9 biljun f'pagamenti (tnaqqis ta' 0,2 %);
3. Jinnota li l-Abbozz ta' Baġit 2016 iħalli marġni ta' EUR 1,2 biljun taħt il-livell massimu għal impenji u marġni ta' EUR 1,1 biljun taħt is-sottolimitu għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG); jinsisti li l-marġni jibqa' fi ħdan l-Intestatura 2 biex jindirizza kwalunkwe kriżi possibbli li tista' tinqala' fis-settur agrikolu; jistenna l-Ittra ta' Emenda tal-Kummissjoni, mistennija f'Ottubru 2015, li għandha tkun ibbażata fuq informazzjoni aġġornata dwar il-finanzjament tal-FAEG;
4. Jenfasizza li l-Abbozz ta' Baġit 2016 jinsab fl-ewwel sena ta' implimentazzjoni sħiħa ta' pagamenti diretti kif stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 1307/2013; f'dan il-kuntest jieħu nota tat-tnaqqis tal-baġit tal-FAEG b'1,4 % f'impenji u approprijazzjonijiet, minħabba trasferimenti bejn iż-żewġ pilastri tal-KAP;
5. Jinnota li skont l-Abbozz ta' Baġit 2016 il-finanzjament għall-iżvilupp rurali taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) se jiżded bi 2,8 % f'impenji u b'6,3 % f'pagamenti; jenfasizza, madankollu, li ż-żieda hi konsegwenza loġika ta' programmar tard tal-programmi l-ġodda fil-perjodu 2014-2020 u tal-għeluq tal-programmi bejn l-2007 u l-2013;
6. Jilqa' l-miżuri li jwasslu biex il-livell ta' impenji mhux imħallsa jkun kontrollat u jqis dawn l-impenji bħala prekondizzjoni biex ikun hemm bidu ta' suċċess għall-perjodu ta' programmar 2014-2020; jistieden b'mod urġenti, għaldaqstant, lill-Kunsill u lill-Istati Membri biex jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex ikopru talbiet ta' pagamenti pendenti;
7. Jiddispijaci dwar it-tnaqqis li sar fil-baġit għal interventi fis-swieq agrikoli meta mqabbel mal-2015; peress li r-Russja kkonfermat l-estensjoni tal-projbizzjoni tagħha fuq l-importazzjoni sa Awwissu 2016, jistieden lill-Kummissjoni timplimenta l-miżuri kollha meħtieġa, bħalma huma l-użu tal-marġni disponibbli taħt il-limitu massimu, tappoġġa lill-bdiewa tal-Unjoni, fl-oqsma agrikoli kollha, u fis-settur tal-ikel milqut mill-embargo, b'mod partikolari fil-pajjiżi li jmissu mar-Russja, u hu tal-fehma li miżuri ta' emerġenza għandhom jiġu estiżi għal pajjiżi indirettament milquta mill-embargo Russu; jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li biha għandhom jiġu estiżi b'effett mill-1 ta' Awwissu 2015 il-miżuri ta' appoġġ tal-produtturi tal-frott u l-ħaxix milquta mill-embargo Russu u jitlob li dawn il-miżuri jibqgħu fis-seħħ sakemm iddum il-projbizzjoni tal-importazzjoni u biex

jitwessgħu sabiex ikopru s-setturi agrikoli kollha u s-setturi kollha tat-trobbija tal-bhejjem affettwati; jirrimarka li s-settur tal-ħalib jeħtiegħ attenzjoni partikolari minħabba li l-embargo Russu qed iżid l-inċertezza għall-produtturi billi jaggrava t-tnaqqis tal-prezzijiet li tfaċċa malli l-iskema tal-kwoti ġiet abolita;

8. Jinsisti fuq il-ħtiegħa ta' fondi li jikkumpensaw għat-telf ekonomiku li jkunu sofrew il-bdiewa matul il-kriżijiet tas-suq u l-kriżijiet sanitarji u fitosanitarji bħall-Xylella fastidiosa, u jtenni l-ħtiegħa li jintużaw il-marġni disponibbli skont l-Intestatura 2 għal dan l-għan; jinsisti li kumpens għall-eradikazzjoni għandu jkopri wkoll ir-rijabilitazzjoni tal-ekosistemi agrikoli inkluża l-ħamrija, kif ukoll l-istabbiliment ta' diversità bijoloġika soda, b'mod speċjali l-iżgurar tad-diversità ġenetika għall-istokk għat-ħawwil li idealment jinkludi r-reżistenza jew it-tolleranza għall-marda jew għall-pest; fil-fatt, iqis li wieħed mill-għanijiet ta' kwalunkwe għajjnuna mogħtija għandu jkun li jiġu żgurati ekosistemi agrikoli bilanċjati u bijoloġikament varjati u pajsaġġi li jkunu inqas suxxettibbli għal attakki futuri; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jieħdu l-miżuri kollha meħtiegħa sabiex jiġġieldu d-deterjorazzjoni ta' dawk is-swieq;
9. Jitlob finanzjament addizzjonali allokat għas-settur tat-tkabbir taż-żebbuġ u taż-żejt taż-żebbuġa biex ipatti għat-telf li jsofru l-bdiewa kkawżat mit-tifqigħa tal-Xylella fastidiosa, sabiex jissaħħu l-miżuri ta' prevenzjoni fl-Ewropa, jiġi kkumbattut it-tixrid ta' din il-marda devastanti, u jiġi ristrutturati is-settur, u tiġi kkonsolidata r-riċerka xjentifika tal-patoġenu u tal-portatur tagħha;
10. Jinnota b'mod ġenerali li l-investment huwa meħtiegħ biex l-ekosistemi agrikoli tagħna jiġu magħmula reżiljenti għat-tibdil fil-klima u biex l-istabbiliment u t-tixrid ta' speċijiet invażivi, b'mod partikolari permezz ta' pajsaġġi kultivati u ta' għajxien bijoloġikament diversi, ħamrija f'saħħitha li jkun fiha speċijiet predaturi u ta' benefiċċju, li jippermettu regolamentazzjoni naturali ta' popolazzjonijiet ta' organiżmi ta' ħsara;
11. Jiddispjaċih għat-tnaqqis ta' EUR 2 miljun għall-programm tal-ħalib fl-iskejjel, propost mill-Kummissjoni u appoġġat mill-Kunsill minn EUR 77 miljun f'approprjazzjoni tal-2015 għal EUR 75 miljun fl-Abbozz ta' Baġit 2016; ifakkar fit-talba tal-Parlament għal żieda ta' EUR 20 miljun fis-sena għal din l-iskema; jilqa' ż-żieda żgħira proposta mill-Kummissjoni u appoġġata mill-Kunsill għall-iskema tal-Frott għall-Iskejjel għal EUR 150 miljun; jenfasizza li ż-żewġ programmi wrew li huma utli fl-Istati Membri u jissottolinja l-importanza tagħhom minħabba l-kriżi attwali u l-livelli ta' malnutrizzjoni tat-tfal fl-Unjoni; jistieden lill-Kunsill jikkunsidra l-proposti tal-Parlament li jitolbu s-simplifikazzjoni tal-burokrazija għall-Istati Membri sabiex tiżdied l-effiċjenza taż-żewġ skemi;
12. Jiddispjaċih dwar il-proposta tal-Kunsill ta' tnaqqis ta' EUR 13,8 miljun għal fondi operattivi għal organizzazzjonijiet ta' produtturi fis-settur tal-frott u l-ħxejjex minħabba l-importanza tagħhom fil-katina tal-provvista tal-ikel u l-isfidi attwali li qed jaffronta s-settur;
13. Jitlob li l-programmi tal-ħalib għall-iskejjel u tal-frott għall-iskejjel jitressqu għat-tieni pilastru tal-PAK sabiex ikun jista' jiffassal aħjar id-disinn speċifiku tagħhom minħabba l-ispeċifitajiet u l-ħtiġijiet reġjonali u biex l-aċċettazzjoni u l-faċilità tal-użu tal-programmi b'hekk tiżdied;

14. Jinsisti li kwalunkwe dħul li jakkumula għall-baġit tal-UE li jirriżulta mill-multi tal-imposta speċjali għandhom jiġu allokati għal investiment mill-ġdid fis-settur tal-prodotti tal-ħalib, u li dħul ieħor assenjat mill-agrikoltura fl-2014/2015 għandu jibqa' taħt l-Intestatura 2; hu tal-fehma li l-ħlasijiet għall-qbiż tal-kwota imposti fl-2015, b'mod partikolari fis-settur tal-ħalib, għandhom jintużaw fl-intier tagħhom għall-appoġġ għas-suq u għal miżuri oħra ta' għajjnuna għas-settur tal-ħalib; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li talloka dak id-dħul lill-FAEG;
15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-fondi allokati għar-riserva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu fil-baġit 2016, li sussegwentement jibqgħu mhux utilizzati, għandhom jinżammu bla mittiefsa taħt l-Intestatura 2 għas-sena baġitarja sussegwenti għal pagamenti diretti lill-bdiewa, kif previst fir-Regolament (UE) Nru 1306/2013;
16. Jinnota li l-agrikoltura Ewropea saret dejjem aktar esposta għall-kriżijiet f'dawn l-aħħar snin; għaldaqstant jistieden lill-Kummissjoni biex tqis mill-ġdid is-sistema ta' finanzjament ta' kontinġenza u biex jinħoloq strument ġdid li jippermetti intervent politiku rapidu f'każ ta' kriżi, mingħajr ma jintefa' piż fuq pagamenti diretti annwali;
17. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimmonitorjaw tempestivament il-volatilità tal-prezzijiet tal-prodotti agrikoli, b'enfasi partikolari fuq is-settur tal-prodotti tal-ħalib, li għandha effetti negattivi fuq l-introjt tal-bdiewa, u biex jirreaġixxu fil-pront u b'mod effikaċi meta jinħtieġ, u l-bdiewa jingħataw direttament l-għażla li jiġġieldu kontra l-volatilità tal-prezzijiet;
18. Jinnota l-effetti tat-tneħħija tal-kwoti tal-ħalib u huwa tal-fehma li miżuri preparatorji huma meħtieġa biex jiġu evitati żbilanċi fis-suq wara l-abolizzjoni tal-kwoti taz-zokkor f'Settembru 2017;
19. Jistieden lill-Kummissjoni timmobilizza r-riserva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu sabiex jiġu implimentati miżuri ta' kriżi għal għajjnuna għall-industrija tal-ħalib; iqis li l-għan ta' dawn il-miżuri għandu jkun li jgħin lill-produtturi tal-ħalib żgħar u medji, li ntliaqtu l-aktar sa mill-abolizzjoni tas-sistema tal-kwoti fl-2015, u li l-infiq għandu jiġi allokati għal tiġib teknoloġiku tal-proċessi ta' produzzjoni u inċentivi għall-produzzjoni ta' prodotti b'valur miżjud;
20. Jilqa' l-livell ta' fondi allokati għall-appoġġ tat-trobbija tan-naħal, u dan peress li l-Parlament b'mod konsistenti qies it-trobbija tan-naħal u l-konservazzjoni tal-biodiversità funzjonali, b'mod partikolari tal-pollinaturi u tas-servizzi li jipprovdu, bħala prijoritajiet għall-futur tal-agrikoltura;
21. Jenfasizza l-oġġettivi ta' żieda fil-kompetittività u s-sostenibilità tal-agrikoltura Ewropea, u jitlob li jkunu provduti riżorsi sabiex dawn l-oġġettivi jintlaħqu; ifakkar fil-potenzjal tal-politika agrikola f'termini ta' ħolqien ta' impjiegi, l-innovazzjoni teknika u soċjali u l-iżvilupp sostenibbli, b'mod partikolari f'żoni rurali fejn dawn jipromwovu l-iżvilupp reġjonali;
22. Jissottolinja l-importanza tal-iżvilupp ta' swieq ġodda għaż-żamma tal-kompetittività u ż-żieda tar-reżistenza tal-agrikoltura Ewropea għall-kriżijiet tas-suq bħal fil-każ tal-embargo tar-Russja; jitlob appoġġ finanzjarju għall-iżvilupp tas-suq, fost l-oħrajn

permezz tal-użu ta' fondi mill-imposti speċjali;

23. Jenfasizza li huwa indispensabbli li l-fondi allokatu għar-riċerka fis-settur agroalimentari, b'mod partikolari mill-baġit tal-Orizzont 2020, jibqgħu kompletament disponibbli bħala tali bl-għan li tiġi stimolata l-innovazzjoni fis-settur agrikolu;
24. Ifakkar fid-diffikultajiet li ġew affrontati fis-snin finanzjarji preċedenti li matulhom kienu tnaqqsu l-appropriazzjonijiet; jemmen li kwalunkwe tentattiv biex jitnaqqsu l-appropriazzjonijiet agrikoli se jkun ineffettiv u saħansitra perikoluż, peress li dan jimmina l-oġġettivi tal-PAK, u b'hekk iħalli lis-settur aktar vulnerabbli, u jdgħajjef b'mod sinifikanti l-isforzi biex tittejjeb il-kompetittività tal-agrikoltura Ewropea.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	3.9.2015
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 30 -: 4 0: 8
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	John Stuart Agnew, Clara Eugenia Aguilera García, Eric Andrieu, Daniel Buda, Nicola Caputo, Matt Carthy, Paolo De Castro, Albert Deß, Diane Dodds, Norbert Erdős, Edouard Ferrand, Luke Ming Flanagan, Beata Gosiewska, Martin Häusling, Anja Hazekamp, Jan Huitema, Peter Jahr, Jarosław Kalinowski, Zbigniew Kuźmiuk, Philippe Loiseau, Mairead McGuinness, Giulia Moi, Ulrike Müller, Maria Noichl, Marit Paulsen, Marijana Petir, Bronis Ropé, Czesław Adam Siekierski, Marc Tarabella, Janusz Wojciechowski, Marco Zullo
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Bas Belder, Angélique Delahaye, Jean-Paul Denanot, Jørn Dohrmann, Georgios Epitideios, Fredrick Federley, Jens Gieseke, Maria Heubuch, Karin Kadenbach, Norbert Lins, Susanne Melior, Stanislav Polčák, Annie Schreijer-Pierik, Hannu Takkula, Vladimir Urutchev
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Heinz K. Becker, Carlos Iturgaiz, Igor Šoltes